**29 ta' Mejju, 1945.**

*Imħallef :*

**L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Giuseppa Cauchi *versus* Antonio Spiteri

**Sentenza — Eżekuzzjoni — Ċitazzjoni — Korrezzjoni — Ratizzazzjoni ta' l-Ispejjeż — Notifika tat-Taxxi — Art. 202 tal-Proċedura Ċivili.**

*Iċ-ċitazzjoni li biha tintalab l-awtorizzazzjoni għall-eżekuzzjoni ta' sentenza għandha ġġib l-indikazzjoni ta' l-ismijiet u l-kunjomijiet tal-partijiet u tal-kwalitajiet tagħhom kif kienu dehru fil-ġudizzju deċiż b'dik is-sentenza. Imma fil-każ li dan ma jsirx, il-Qorti tista' tippermetti l-korrezzjoni taċ-ċitazzjoni, billi dik il-korrezzjoni ma tbiddilx is-sustanza ta' l-azzjoni jew ta' l-eċċezzjoni tal-konvenut.*

*L-approvazzjoni jew ratizzazzjoni ta' l-ispejjeż ta' kawża deċiża b'sentenza tista' tiġi mitluba f'ġudizzju ieħor; u biex isir dan il-ġudizzju ma hemmx bżonn illi qabel ikunu ġew notifikati lill-kontroparti t-taxxi ta' l-ispejjeż ta' dik il-kawża. Għax il-kontroparti ma tkunx preġudikata, għax għandha dejjem id-dritt, jekk jidhrilha, li timpunja dawk it-taxxi.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attriċi, **wara** li ppremettiet illi b'sentenza ta' dina l-Qorti tat-22 ta' **Mejju** 1931 mogħtija fil-kawża "Giuseppa Cauchi vs. Antonio **Spi**teri" hija ġiet kanonizzata kreditriċi tal **konvenut fir-rata ta'** l-ispejjeż ta' l-ammont ta' £5. 16. 5½d, skond **ratizzazzjoni** miġjuba bħala dokument "A" maċ-ċitazzjoni; u b'**sentenza** tad-9 ta' Jannar 1934 mogħtija **fil**-kawża "Giuseppa Cauchi vs. Antonio Spiteri" hija ġiet kanonizzata **kreditriċi ta'** l-istess konvenut fis-somma ta' £20. 7. 6 bl-imgħax legali **mill**-

jum tas-sentenza, u l-£2. 1. 10 rata ta' l-ispejjeż skond ratizzazzjoni miġjuba bħala dokument "A" maċ-ċitazzjoni; u li bis-sentenza ta' din il-Qorti tal-11 ta' Lulju 1932 mogħtija fil-kawża "Antonio Spiteri vs. Giuseppa Cauchi" l-istess konvenut ġie kanonizzat kreditur tagħha fis-somma ta' £22. 10. 0 bl-imgħax legali mill-jum tas-sentenza, u skond ratizzazzjoni miġjuba bħala dokument "A" maċ-ċitazzjoni l-konvenut kellu jagħti lilha s-somma ta' £1. 2. 3 rata ta' spejjeż ta' dik il-kawża; u li b'ittra uffiċjali tal-4 ta' Awissu 1934 hija, wara li eżibiet prospett li minnha kien jirriżulta l-bilanċ dovut lilha, interpellat lill-konvenut biex japprova t-tliet ratizzazzjonijiet fuq imsemmija u biex iħallas lilha l-bilanċ ta' £5. 2. 10 li kien jirriżulta favur tagħha minn dak il-prospett, miġjub bħala dokument "X" maċ-ċitazzjoni, wara li ġie kompensat il-kreditu tal-konvenut kanonizzat bis-sentenza tal-11 ta' Lulju fuq imsemmija; li l-konvenut, non ostanti l-interpellazzjoni fuq imsemmija, ma approvax dawk ir-ratizzazzjonijiet u l-kompensazzjoni tal-krediti u debiti reċiproċi, u lanqas ħallas il-bilanċ riżultanti a favur tagħha mill-prospett fuq imsemmi; u li bis-sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Mejju 1939 mogħtija fil-kawża "Giuseppa Cauchi vs. Antonio Spiteri" ġie ordnat il-bejgħ bil-liċitazzjoni ta' l-utili dominju perpetwu tat-terran numru 66, drabi oħra numru 27 u 33, u tal-mezzanin numru 65, drabi oħra numri 28 u 34, Strada Magri, il-Ħamrun — liċitazzjoni li kienet ġiet anki ordnata b'sentenza ta' dik l-istess Qorti mogħtija fil-kawża "Giuseppa Cauchi vs. Antonio Spiteri" fis-6 ta' Ġunju 1930; talbet, wara li tiġi mogħtija kwalunkwe dikjarazzjoni u jiġi mogħti kwalunkwe provvediment opportun u previa, jekk hemm bżonn, dik li l-attriċi tiġi awtorizzata teżegwixxi s-sentenzi fuq imsemmija tat-22 ta' Mejju 1931, tad-9 ta' Jannar 1934, tal-11 ta' Lulju 1932, u tas-6 ta' Ġunju 1930 billi għaddew aktar minn tliet snin mill-prolazzjoni tagħhom; li jiġu approvati t-tliet ratizzazzjonijiet fuq imsemmija; u jiġu dikjarati li ġew kompensati fil-11 ta' Lulju 1934 il-krediti reċiproċi nxxenti miż-żewġ sentenzi fuq imsemmija tal-11 ta' Lulju 1932 u tad-9 ta' Jannar 1934, u parti mill-kreditu tagħha kif ratizzat fid-dokument "A" fuq imsemmi, u li minn dina l-kompensazzjoni hija baqgħet kreditriċi tal-konvenut fis-som-

ma £. £5. 2. 10 skond il-prospett (dok. X); u billi għaddew aktar minn tliet snin mis-sentenza fuq imsemmija tas-17 ta' Mejju 1939, tiġi ordnat l-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza biex jinbiegħu in liċitazzjoni ż-żewġ fondi fuq imsemmija u biex hija tottjeni l-pagament ta' nofs l-ispejjeż ta' l-atti tas-subasta li kienet saret in eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza, u li kienet ġiet sospiża mħabba l-gwerra, nofs l-ispejjeż ammontanti għal £6. 11. 10 skond taxxa unita maċ-ċitazzjoni bħala dokument "J". Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra fuq l-ewwel eċċezzjoni, li l-kawża tinsab proposta ħażin billi l-attriċi qiegħda tidher fl-isem tagħha proprju mentri fil-kawżi li għalihom saret riferenza (barra minn dik deċiża fid-9 ta' Jannar 1934) hija dehret bħala eredi ta' żewġha;

Illi huwa veru li s-sentenza ta' din il-Qorti tat-22 ta' Mejju 1931 u tas-6 ta' Ġunju 1930, reża eżegwibili b'sentenza tas-7 ta' Mejju 1939, u s-sentenza ta' din il-Qorti tal-11 ta' Lulju 1932 li f'din il-kawża l-attriċi, fost ħwejjeġ oħra, qiegħda titlob biex teżegwixxi, ġew mogħtija, l-ewwel tnejn f'kawżi bejn l-attriċi u l-konvenut li fihom l-attriċi dehret fl-isem tagħha proprju u bħala eredi ta' żewġha u l-aħħar waħda fil-kawża bejn il-konvenut u l-attriċi bħala armla u unika eredi ta' żewġha;

Illi billi, kif fuq inqal, b'din il-kawża l-attriċi trid anki tgħaddi għall-eżekuzzjoni ta' l-imsemmija sentenzi ic-ċitazzjoni għandha tiġi kunsidrata bħala att magħmul in eżekuzzjoni ta' dawk is-sentenzi, u għalhekk, skond il-konswetudini ta' dawn it-tribunali, għandha ġġib l-indikazzjoni ta' l-ismijiet u l-kunjomijiet tal partijiet u tal-kwalitajiet tagħhom kif kienu jidhru fil ġudizzju definit b'dawk is-sentenzi, avvolja, kif issottomettiet l-attriċi, il-kwalità ta' eredi ta' żewġha, billi hija aċċettat il-wirt purament, mhix kwalità sostanzjali li mingħajrha titbiddel il-persuna tagħha għaliex ġa la darba hija għażlet tindika dik il-kwalità tagħha fl-imsemmija ġudizzji biex tiddenota l-interess tagħha fihom, l-attijiet kollha relattivi, u spedita in eżekuzzjoni tas-sentenzi li bihom ġew definiti dawk il-ġudizzji għandhom ikunu fl-istess termini ta'

dawk is-sentenzi, anki għar-rigward tal-kwalitajiet li fihom dehru l-partijiet;

Tikkunsidra;

Illi però, skond l-art. 202 tal-Liġijiet ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Qorti tista' f'kull stat tal-kawża, qabel is-sentenza, tordna jew tippermetti l-emenda ta' l-iskritturi, anki billi tikkoreġi żball fil-kwalità tal partijiet; purkè dik il-korrezzjoni ma tbiddelx sostanzjalment l-azzjoni jew l-eċċezzjoni;

Illi l-korrezzjoni tal-kwalità ta' l-attriċi, billi jiżdied li barra milli fl-isem tagħha proprju hija qiegħda tidher ukoll bħala unika werrieta ta' żewġha ma tbiddelx l-azzjoni u lanqas l-eċċezzjoni tal-konvenut fis-sustanza tagħhom fil-ġudizzju tal lum;

Għal dawn il-motivi;

Tordna illi fl-att taċ-ċitazzjoni u fl-iskritturi kollha ta' wara tiġi korretta l-kwalità ta' l-attriċi, billi jiġi ndikat illi hi'a mhix qiegħda tidher biss fl-isem tagħha proprju, imma anki bħala werrieta ta' żewġha;

L-ispejjeż ta' l-inċident jitħallsu mill-attriċi;

Tikkunsidra fuq l-eċċezzjoni illi huma ntempestivi l-ewwel u t-tieni domandi, billi l attriċi għadha ma nnotifikatx ittaxxi tal-kawżi lill-eċċipjent, li għalhekk dana għad għandu favur tiegħu ż-żmien biex jimpunjahom;

Illi l-ewwel talba ta' l-attriċi hija diretta biex tiġi ottenuta dikjarazzjoni illi r-ratizzazzjonijiet indikati fiċ-ċitazzjoni għandhom jiġu approvati; it-tieni talba tiddependi mill-ewwel waħda, għaliex hija diretta biex tiġi ottenuta d-dikjarazzjoni li fil 11 ta' Lulju 1934 ġew kompensati l-krediti reċiproċi tal-kontendenti naxxenti mis-sentenzi ndikati fiċ ċitazzjoni kif jirriżultaw mill-imsemmija ratizzazzjonijiet, u parti mill-kreditu ta' l-attriċi kif ratizzat mid-dokument "A" miġjub maċ-ċitazzjoni, u li minn dik il-kompensazzjoni l-attriċi baqgħet kreditriċi fis-somma ta' £5. 2. 10;

Illi f'każ bħal dan, fejn it-talba kienet diretta sabiex tiġi ottenuta dikjarazzjoni li hija korretta u ġusta r-ratizzazzjoni ta' spejjeż ġudizzjali deċiżi b'sentenza, ġie ritenut minn din il-Qorti u mill Qorti ta' l-Appell, illi meta l-likwidità ta' l-ispejjeż ġa deċiżi b'sentenza tiddependi neċessarjament minn

ratizzazzjoni, jista' jiġi mitlub f'ġudizzju ieħor, bħal fil-ġudizzju likwidatorju, ir-ratizzazzjoni ta' dawk l-ispejjeż u l-ħlas tal-bilanċ riżultanti mil-likwidazzjoni li ssir, u għalhekk l-ebda irregolar tà ma ġiet riskontrata fit-talba (Vol. VII, p. 236);

Illi l-konvenut igħid illi dak il-ġudizzju, iżda, ma jistax jiġi promoss qabel ma jiġu notifikati t-taxxi lill kontroparti;

Illi l-konvenut, kif wieħed jista' jirrikava min-nota tiegħu, jibbaża l-pretensjoni tiegħu fuq l-art. 280, § 2 tal-Proċedura Ċivili, li jiddisponi illi l-eżekuzzjoni ta' kull titolu ieħor eżekutiv, barra s-sentenza, ma tistax issir jekk mhux almenu jumejn wara n-notifika ta' interpellazzjoni għall-ħlas per mezz ta' att ġudizzjarju;

Illi però l-attriċi mhix qiegħda tipproċedi għall-eżekuzzjoni tat-taxxi tad-dritt jiet u ta' l-ispejjeż ġudizzjarji; u anki kieku kien hekk, meta si tratta ta' *spejjeż dovuti in forza ta' sentenza*, it-taxxi relativi ma għandhomx jiġu notifikati lid debitur sokkombenti, salv lil dan id-dritt li jimpunjahom (App. 3 febbraio 1915, "German vs. Cucciardi", Kollez. Vol. XXII, Parte Prima, pag. 227);

Illi l-attriċi, invern, billi l-ispejjeż deċiżi bis-sentenzi minnha indikati huma illikwidi, u kwindi ma tistax tipproċedi għal dawk l-ispejjeż qabel il-likwidazzjoni tagħhom, qiegħda appuntu titlob il-likwidazzjoni tagħhom b'dan il-ġudizzju, sabiex tkun tista' tipproċedi għall-bilanċ li tippretendi li jirriżulta favur tagħha in forza tas-sentenza li tiddefinixxi dan il-ġudizzju li għalih ma hemmx bżonn in-notifika tattaxxi lill kontroparti; lanqas għaliex, kif jippretendi l-konvenut, huwa jista' jsofri preġudizzju mingħajr in-notifika tattaxxi billi jista' jkollu interess jimpunjahom, għaliex dak il-preġudizzju ma isofriehx, billi, jekk jidhirlu li għandu jimpunja dawk it-taxxi, l-impunjazzjoni tagħhom tista' ssir f'dan il-ġudizzju bil-kjamata in kawża tal-persuni interessati;

Għal dawn il-motivi:

Tiċħad l-eċċezzjoni ta' l-intempestività ta' l-ewwel u tattieni talba; iżda in vista taċ-ċirkustanzi, tordna illi l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa.

---